**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**Magistrat**
**Dr. Rachel Montebello B.A. LL.D.**

**Rikors Numru: 103/2018 RM**

**Burmarrad Commercials Limited**

**Vs**

**Ritianne Callus**

**Illum, 27 ta' Frar 2019**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tas-socjeta` attrici pprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti fis-27 ta' April 2018 fejn talbet illi, previa kull dikjarazzjoni necessarja, l-konvenuta tigi kkundannata thallasha s-somma ta' sebat elef disa' mija u sitta u hamsin Euro u erbgha u disghin centezmu (€7,956.94) jew somma ohra verjuri, bl-imghax legali dekorribbli minn kull meta kull parti mis-somma saret dovuta, skont l-istatement immarkat "A".

Din is-somma, dovuta lis-socjeta` attrici, tirrapprezenta bilanc ta' prezz, inkluz il-VAT, ghal-leasing tal-vettura provduta lill-konvenuta mis-socjeta` attrici, skond il-kuntratt immarkat "B".
Bl-imghax legali fuq dan l-ammont, kif fuq spjegat, u bl-ispejjez kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni;

Rat illi permezz ta' digriet moghti mis-S.T.O. il-Prim'Imhallef, din il-kawza giet assenjata lill-Qorti kif preseduta u dan b'effett mis-16 ta' Lulju 2018;

Rat l-konvenuta giet notifikata bir-Rikors promotur u bl-avviz tas-smigh tal-kawza, permezz tal-affissjoni u pubblikazzjoni a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta[1];

Rat illi bl-applikazzjoni tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 187(3), il-konvenuta giet notifikata fit-tielet jum utili wara d-data tal-ahhar publikazzjoni, liema pubblikazzjoni tal-ahhar, f'dan il-kaz, saret fl-20 ta' Dicembru 2018;

Rat illi l-konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta u lanqas dehret quddiem il-Qorti sabiex tikkontesta l-kawza;

Rat illi fis-seduta tas-17 ta' Jannar 2019 l-avukat difensur tas-socjeta` attrici ipprezenta kapitolu ghas-subizzjoni tal-konvenut.

Rat ukoll illi fis-seduta tas-27 ta' Frar 2019, il-konvenuta wara li giet imsejha diversi drabi, naqset milli tidher biex twiegeb ghall-kapitolu ghas-subizzjoni taghha;

Rat illi waqt l-istess seduta tas-27 ta' Frar 2019, l-avukat tas-socjeta` attrici ddikjara li m'hemmx iktar provi x'jitressqu u talab lill-Qorti biex tghaddi ghas-sentenza;

Rat il-provi u d-dokumenti kollha;
Rat l-atti kollha;

---

[1] Vide fol. 28 *tergo*, fo. 29 u 30, kif ukoll fol. 34.

Rat illi fl-udjenza tas-27 ta' Frar 2019 il-kawza giet posposta ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi fis-seduta tas-27 ta' Frar 2019, il-konvenuta wara li giet msejha diversi drabi, naqset milli tidher ghas-subizzjoni u ghalhekk il-Qorti b'applikazzjoni tal-Artikolu 702(3) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, tqis li l-kapitolu gie debitament mistqarr u accettat mill-istess konvenuta.

Illi skont kif jirrizulta mid-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 702 *et seq*. tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u skont kif jinsab ukoll pacifikatament ritenut fil-gurisprudenza tal-Qrati taghna[2], in-nuqqas minghajr raguni valida tas-subent li jidher u jwiegeb ghall-kapitoli tas-subizzjoni - li del resto huma intizi biex jaghmlu prova tad-domanda attrici - jitqies bhala prezunta konfessjoni. Madanakollu, billi s-subizzjoni hija biss wahda mill-mezzi ta' prova ta' fatt li tista' tingieb in sostenn tat-talba attrici, huwa wkoll risaput[3] li din il-prova wahedha mhux necessarjament bizzejjed biex tissodisfa l-piz tal-prova inkombenti fuq l-attur ghas-success tal-pretensjoni tieghu. Jinghad ukoll illi l-gudikant m'huwiex marbut f'kull kaz bil-konfessjoni li tista' tirrizulta min-nuqqas li jitwiegbu l-kapitoli tas-subizzjoni, jekk din tikkuntrasta ma' provi ohrajn li jirrizultaw mill-atti processwali, u dan in omagg ghall-principju *actor non probante reus absolvitur*.

Kif inqtal in propositu mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet **James Trapani et v. Vincent Cilia**[4], bin-nuqqas tal-konvenut li jwiegeb ghall-kapitoli, dawn "*… … … jitqiesu konfessati pero` dan ma jfissirx li l-Qorti kienet obbligata toqghod fuq dik il-prezunta ammissjoni. Dik il-prova kellha tigi*

[2] Ara **Leonard Incorvaja vs Manwel Camilleri et** – deciza mil-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-4 ta' Gunju 2018.
[3] Ara in propositu **Tabib Dr Antonio Zammit et vs Francesco Pace et** – deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Gunju 1952.
[4] Cit. 2357/1996, deciza 28 ta' April 2000.

*evalwata u meqjusa flimkien ma' kull prova ohra li sa dak l-istadju setghet kienet diga` prodotta quddiem il-Qorti."*

Ikkunsidrat;

Illi fil-kaz odjern, oltre ghas-subizzjoni tal-konvenuta, il-kumpannija attrici in sostenn tal-pretensjoni taghha esebiet *statement of account* ("A") li jindika l-bilanc dovut lilha fis-somma ta' €7,956.94, li hija l-istess somma mitluba f'din il-kawza, u esebiet ukoll kopja tal-iskrittura privata (datata 9 ta' Lulju 2015 – "B") konkluza bejnha u bejn il-konvenuta li bis-sahha taghha l-konvenuta kriet il-vettura indikata fl-iskeda annessa mal-ftehim, minghand l-istess socjeta` attrici. Effettivament, is-somma mitluba mis-socjeta` attrici f'din il-kawza tirrapprezenta bilanc dovut mill-konvenuta fuq il-kirja tal-vettura li giet provduta lilha mis-socjeta` attrici.

Il-Qorti tosserva illi ghalkemm l-iskrittura privata fuq imsemmija tindika illi l-konvenuta Ritianne Callus kienet qieghda tagixxi in rapprezentanza ta' "*Gianluca's Restaurant Company*"[5], mhemmx prova tal-ezistenza ta' din l-allegata kumpannija stante illi[6] din ma gietx identifikata permezz ta' xi numru ta' registrazzjoni u lanqas ma gie indikat jekk din hijiex socjeta` b'responsabbilita` limitata o meno. Inoltre, jirrizulta illi l-konvenuta eventwalment iffirmat l-istess skrittura "*for and on behalf of Gianluca's Restaurant*"[7] u l-*invoices* relattivi wkoll inhargu lil "*Gianluca's Restaurant*". Effettivament, billi fid-dokumenti esebiti fl-atti baqghet ma saret ebda indikazzjoni cara tal-isem ta' xi entita` guridika li l-konvenuta setghet kienet qieghda tagixxi ghan-nom taghha, il-Qorti tifhem illi "*Gianluca's Restaurant*" huwa biss isem ta' negozju kummercjali gestit mill-konvenuta u illi konsegwentement, il-konvenuta ntrabtet b'din l-obbligazzjoni kummercjali *de*

[5] Fol. 4
[6] Fol. 16
[7] Vide fol. 14.

*proprio* bhala persuna ezercitanti l-kummerc, u mhux f'kapacita` rapprezentattiva ta' entita' b'personalita` guridika separata.

Ikkunsidrat;

Illi l-Qorti ma ghandha ebda diffikolta` illi tqis illi f'dan il-kaz, in-nuqqas tal-konvenuta li twiegeb ghall-kaptiolu ghas-subizzjoni taghha, ipprovoka il-konfessjoni taghha, liema konfessjoni hija sorretta mill-provi l-ohra fl-atti processwali li gew prodotti mis-socjeta` attrici. Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi din il-Qorti ssib illi t-talba tas-socjeta` attrici ghall-hlas tas-somma mitluba, giet debitament ippruvata bis-subizzjoni tal-konvenuta kif ukoll mid-dokumenti esebiti, u konsegwentement, timmerita li tigi akkolta.

Ikkunsidrat ulterjorment;

In kwantu ghall-imghax, billi jirrizulta illi l-obbligu ghall-hlas huwa wiehed ta' natura kummercjali, il-Qorti tqis illi a tenur tal-Artikolu 1141(1), it-talba tas-socjeta` attrici illi l-imghax jibda jiddekorri minn kull meta kull parti mis-somma komplessiva saret dovuta - skont kif jirrizulta mill-ftehim ("B") u skont kif jidher fl-i*statement of account* ("A"), hija gustifikata.

**Decide**

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' t-talba tas-socjeta` attrici u tikkundanna lill-konvenuta RITIANNE CALLUS sabiex thallas lill-istess socjeta` attrici is-somma ta' sebat elef disa' mija u sitta u hamsin Euro u erbgha u disghin centezmu (€7,956.94), rapprezentanti bilanc ta' prezz ghal-leasing tal-**

**vettura provduta lill-konvenuta, bl-imghax kif mitlub fir-Rikors promotur, u bl-ispejjez kontra l-istess konvenuta.**

**Dr. Rachel Montebello**
**Magistrat**